MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 821/2011

**Premier Leasing and Investment Company Limited (C 18214)**
**vs**
**Caroline Tierney - Debattista (ID 17260A)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat minn Gaetano Fenech (ID 75166M) in rapprezentanza tas-socjeta Premier Leasing and Investments Company Limited tal-24 t'Awwissu 2011, li jaqra hekk:

*1. "Illi l-esponenti bieghu u trasferew fuq l-intimata konvenuta l-vettura tat-tip Mercedes CLK 200 bin-numru tar-registrazzjoni EEE-111;*

*2. Illi l-intimata ghad ghandha bilanc xi thallas fuq l-imsemmija vettura ammontanti ghal Euro 36,437.22;*

*3. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata diversi drabi mill-esponenti sabiex thallas lura s-somma ta’ Euro 36,437.22, liema somma hi certa, likwida u dovuta,l-intimata xorta wahda baqghet inadempjenti;*

*4. Illi peress li dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut lill-esponenti, huwa tal-fehma li l-intimata ma’ ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti;*

*5. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’Malta;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suesspost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

*1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’Malta;*

*2. Tiddikjara lill-intimata debitrici ta’ l-esponenti fl-ammont ta’ Euro36,437.22;*

*3. Tikkundanna u tordna lill-intimata thallas lill-esponenti l-ammont hekk dovut flimkien mal-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni presentat kontestwalment ma’ dan l-att, kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta’ rikorrenti fir-rikors mahluf;

Rat illi ir-rikors guramentat u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimata permezz tal-procedura tal-affissjoni, fit-2 ta’ Mejju 2012, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 ta’ Mejju 2012 u fil-Gazzetti Lokali fit- 8 ta’ Gunju 2012;

Rat illi l-intimata fl-udjenza tal-llum l-Erbgha 6ta' Novembru 2013, u fl-udjenzi precidenti baqghet ma dehritx;

Rat illi l-intimata ma ntavolat ebda risposta guramentata u ghaldaqstant baqghet kontumaci;

Rat il-verbal tat-18 t'April 2013 fejn din il-Qorti akkordat il-fakolta' illi l-intimata tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-intimata baqghet inadempjenti u ma ressqet ebda sottomissjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda ta' Dr Edward Gatt vide fol 32 tal-process jirrizulta li l-intimata ma ghamlet ebda hlas jew pagament akkont tal-ammont mitlub fic-citazzjoni u ghaldaqstant is-somma ta' sitta u tletin elf, erba' mija sebgha u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmi, (€36,437.22) ghadha dovuta fl-interita' taghha.

Illi di piu, fil-kontumacja tal-intimata, u fid-dawl tal-inadempjenza taghha ghal-fakolta moghtija minn din il-Qorti li tipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez kif mitluba mill-istess socjeta' rikorrenti kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------